MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 410/2004

**G & P Borg Limited (C16209)**

**vs**

**Simon Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf disa' mija u hamsa u sittin Lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (LM 1,965.73), rapprezentanti l-prezz ta' materjal lilu mibjugh u kkonsenjat, flimkien mal-prezz tal-kiri ta' crane u trucks lilu kkonsenjati ghall-uzu u beneficcju tieghu, skond l-annessi invoices immarkati Dokumenti GP1 sa GP7;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali b'effett mis-27 ta' Marzu 2004 sad-data tal-pagament effettiv,

kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici, minkejja l-fatt illi kien prezenti fis-seduta tal-4 ta’ Novembru 2004, meta gew ipprezentati il-kapitoli;

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tas-socjeta’ attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf disa’ mija u hamsa u sittin lira u tlieta u sebghin centezmu (LM 1,965.73) bl-imghax legali mis-27 ta’ Marzu, 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------